Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

23 ta’ Marzu 2021*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trasport bl-ajru – Regolament (KE) Nru 261/2004 – Artikolu 5(3) – Regoli komuni fil-qasam tal-kumpens u tal-assistenza lill-passiġġieri fil-każ ta’ kanċellazzjoni jew ta’ dewmien twil ta’ titjira – Eżenzjoni mill-obbligu ta’ kumpens – Kunċett ta’ ‘ċirkustanzi straordinarji’ – Strajk ta’ piloti organizzat f’kuntest legali – Ċirkustanzi ‘interni’ u ‘esterni’ għall-attività tat-trasportatur bl-ajru li jopera – Artikoli 16, 17 u 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Assenza ta’ ksur tal-libertà ta’ intrapriża, tad-dritt għall-proprjetà u tad-dritt ta’ negozjar tat-trasportatur bl-ajru”

Fil-Kawża C-28/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Attunda tingsrätt (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta’ Attunda, l-Isvezja), permezz ta’ deċiżjoni tas-16 ta’ Jannar 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-21 ta’ Jannar 2020, fil-proċedura

**Airhelp Ltd**

vs

**Scandinavian Airlines System Denmark – Norway – Sweden,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, R. Silva de Lapuerta, Viċi Presidenta, J.-C. Bonichot, A. Arabadjiev, A. Prechal, L. Bay Larsen, A. Kumin u N. Wahl, Presidenti ta’ Awla, T. von Danwitz, C. Toader, M. Safjan, D. Šváby (Relatur), I. Jarukaitis, N. Jääskinen u J. Passer, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Pikamäe,

Reġistratur: C. Strömholm, Amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-16 ta’ Diċembru 2020,

wara li rat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Airhelp Ltd, minn M. Bexelius, E. Arbrandt u S. Nilsson, advokater,

– għal Scandinavian Airlines System Denmark – Norway – Sweden, minn F. Sjövall u J. Fermbäck, advokater,

* Lingwa tal-kawża: l-Isvediż.

– għall-Gvern Daniż, minn J. Nymann-Lindegren, M. Jespersen u M. S. Wolff, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ġermaniż, minn U. Kühne, M. Hellmann u J. Möller, bħala aġenti,

– għall-Gvern Spanjol, minn L. Aguilera Ruiz, bħala aġent,

– għall-Gvern Franċiż, minn E. de Moustier u A. Ferrand, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn K. Simonsson, N. Yerrell u E. Ljung Rasmussen, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2021,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol 8, p. 10).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Airhelp Ltd u Scandinavian Airlines System Denmark – Norway – Sweden (iktar 'il quddiem "SAS") dwar ir-rifjut ta' din tal-aħħar li tikkumpensa lil S., li tiegħu hija aventi kawża Airhelp, minħabba l-kanċellazzjoni tat-titjira tiegħu.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-premessi 1, 14 u 15 tar-Regolament Nru 261/2004 jiddikjaraw:

"(1) Azzjoni mil[l-Unjoni] fil-qasam ta' transport permezz ta' l-ajru għandha jkollha l-iskop, fost affarijiet oħrajn, li tassigura livell ogħli ta' protezzjoni għall-passiġġieri. 'Il fuq minn dan, konsiderazzjoni sħiħa għandha tiġi meħuda tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni tal-konsumatur b'mod ġenerali.

[...]

(14) Bħal taħt il-Konvenzjoni [għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli għat-Trasport Internazzjoni bl-Ajru, konkluż f'Montreal fit-28 ta' Mejju 1999 u approvata f'isem il-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/539/KE tal-5 ta' April 2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 5, p. 491)], obbligazzjonijiet dwar trasportaturi ta' l-ajru li jaħdmu għandhom ikunu limitati jew esklużi fejn xi ħaġa ġiet ikkawżata minn ċirkostanzi straordinarji li ma setgħux jiġu evitati anki jekk il-miżuri kollha raġonevoli kienu ttieħdu. Ċirkostanzi bħal dawn jistgħu, partikolarment, iseħħu f'każijiet ta' nuqqas ta' stabbilitá

politika, kondizzjonijiet meteoroloġiċi li ma jaqblux ma' l-operazzjoni tat-titjira in kwistjoni, riskji tas-sigurtá, nuqqasijiet mhux mistennijin fir-rigward tas-sigurtá tat-titjira u strajkijiet li jaffettaw l-operazzjoni ta' trasportatur ta' l-ajru li jopera.

(15) Ċirkostanzi straordinarji għandhom jiġu meqjusin li jeżistu fejn l-impatt ta' deċiżjoni dwar il-ġestjoni tat-traffiku ta' l-ajru fir-rigward ta' inġenju ta' l-ajru partikolari fuq ġurnata partikolari tikkawża dewmien twil, dewmien ta' matul il-lejl, jew il-kanċellazzjoni ta' titjira waħda jew aktar titjiriet ta' dak l-inġenju ta' l-ajru, anki jekk il-miżuri raġonevoli kollha ttieħdu mil-trasportatur ta' l-ajru in kwistjoni biex jiġu evitati id-dewmien jew kanċellazzjonijiet."

4 L-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament, bit-titolu "Definizzjonijiet", jiddisponi:

"Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament::

[…]

(b) 'trasportatur ta' l-ajru li jopera' ifisser trasportatur ta' l-ajru li jwettaq jew li għandu l-ħsieb li jwettaq titjira taħt kuntratt ma' passiġġier jew f'isem persuna oħra, legali jew naturali, li għandha kuntratt ma' dak il-passiġġier;

[…]

(l) 'kanċellazzjoni' tfisser in-nuqqas ta' operazzjoni ta' titjira li kienet qabel ippjanata u fuq liema mill-inqas post wieħed kien irreżervat."

5 Skont l-Artikolu 5 tal-imsemmi regolament, bit-titolu "Kanċellazzjoni":

"1. Fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira, il-passiġġieri in kwistjoni għandhom:

[…]

(ċ) jkollhom id-dritt għal kumpens mil-trasportatur ta' l-ajru li jopera skond l-Artikolu 7, kemm-il darba:
   (i) huma informati bil-kanċellazzjoni mill-inqas ġimgħatejn qabel il-ħin tat-tluq skedat; jew
   (ii) huma informati bil-kanċellazzjoni bejn ġimgħatejn u sebat ijiem qabel il-ħin tat-tluq skedat u huma offruti rotta differenti, li tħallihom jitilqu mhux aktar minn sagħtejn qabel il-ħin tat-tluq skedat u jaslu fid-destinazzjoni finali tagħhom inqas minn erba' sigħat wara l-ħin tal-wasla skedat; jew
   (iii) huma informati bil-kanċellazzjoni inqas minn sebat ijiem qabel il-ħin tat-tluq skedat u huma offruti rotta differenti, li tħallihom jitilqu mhux aktar minn siegħa qabel il-ħin tat-tluq skedat u jaslu fid-destinazzjoni finali tagħhom inqas minn sagħtejn wara l-ħin tal-wasla skedat.

[…]

3. Trasportatur ta' l-ajru li jopera m'għandux ikun obbligat iħallas kumpens skond l-Artikolu 7, jekk jista' juri li l-kanċellazzjoni hi kkawżata minn ċirkostanzi staordinarji li ma setgħux jiġu evitati anki jekk il-miżuri raġonevoli kollha ġew meħudin.

[…]”

6 L-Artikolu 7 tal-istess regolament, bit-titolu “Dritt għall-kumpens”, jipprevedi fil-paragrafu 1 tiegħu:

“Fejn referenza hi magħmula għal dan l-Artikolu, passiġġieri għandhom jirċievu kumpens li jammonta għal:

(a) EUR 250 għat-titjiriet kollha ta’ 1500 kilometru jew inqas;

(b) EUR 400 għat-titjiriet intra-Komunitarji kollha ta’ aktar minn 1500 kilometru, u għat-titjiriet oħrajn kollha bejn 1500 u 3500 kilomentru:

(ċ) EUR 600 għat-titjiriet kollha li ma jaqawx taħt (a) jew (b).

[…]”

***Id-dritt Svediż***

7 L-Artikolu 45 tal-lagen (1976: 580) om medbestämmande i arbetslivet (il-Liġi dwar il-Parteċipazzjoni tal-Impjegati fid-Deċiżjonijiet Innegozjati (1976:580)) jiddisponi b’mod partikolari:

“Meta organizzazzjoni ta’ dawk li jimpjegaw, persuna li timpjega jew organizzazzjoni tal-ħaddiema jipproponu li jibdew azzjoni kollettiva jew li jestendu l-kamp ta’ applikazzjoni ta’ azzjoni li tkun għaddejja, huma għandhom javżaw lill-parti l-oħra u lill-Medlingsinstitutet [(l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Medjazzjoni, l-Isvezja)] bil-miktub permezz ta’ preavviż ta’ mill-inqas sebat ijiem tax-xogħol. Il-kliem ‘jiem tax-xogħol’ ifissru kull jum ħlief għas-Sibt, il-Ħadd u l-vaganzi, kif ukoll lejlet il-festa ta’ San Ġwann, lejlet il-Milied u l-31 ta’ Diċembru. It-terminu għandu jiġi kkalkolat b’effett mill-ġurnata li fiha tibda l-azzjoni kollettiva.”

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

8 S. kien irriżerva post fuq titjira interna minn Malmö lejn Stokkolma (l-Isvezja). Din it-titjira, li kellha tiġi operata minn SAS fid-29 ta’ April 2019, ġiet ikkanċellata fl-istess jum minħabba l-istrajk tal-piloti tagħha fid-Danimarka, fl-Isvezja u fin-Norveġja (iktar ’il quddiem l-“istrajk inkwistjoni”).

9 Mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, matul is-sajf tal-2018, l-organizzazzjonijiet ta’ impjegati li jirrappreżentaw il-piloti ta’ SAS fid-Danimarka, fl-Isvezja u fin-Norveġja (iktar ’il quddiem is-“sindakati tal-piloti”) iddeċidew li jxolju l-ftehim kollettiv konkluż ma’ SAS, li normalment kellu jkopri l-perijodu 2017-2020. In-negozjati għall-konklużjoni ta’ ftehim kollettiv ġdid bdew fix-xahar ta’ Marzu 2019.

10 Peress li dawn in-negozjati fallew jew, għall-inqas, ma kinux avvanzaw biżżejjed, is-sindakati tal-piloti sejħu lill-membri tagħhom għall-istrajk. L-istrajk inkwistjoni għalhekk beda fis-26 ta’ April 2019 u kompla sat-2 ta’ Mejju 2019. Huwa għalhekk dam sebat ijiem u wassal lil SAS

tannulla iktar minn 4 000 titjira. L-imsemmi strajk għaldaqstant affettwa madwar 380 000 passiġġier, fosthom S., li ttrasferixxa lil Airhelp id-drittijiet eventwali tiegħu fil-konfront ta' SAS fir-rigward tat-talba tiegħu għal kumpens minħabba l-kanċellazzjoni tat-titjira tiegħu.

11 Fit-2 ta' Mejju 2019 ġie konkluż ftehim kollettiv ġdid ta' tliet snin, li għalhekk huwa intiż li japplika sas-sena 2022.

12 Airhelp ressqet quddiem il-qorti tar-rinviju, l-Attunda tingsrätt (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Attunda, l-Isvezja), talba intiża sabiex SAS tiġi ordnata tħallasha l-kumpens ta' EUR 250 previst fl-Artikolu 5(1)(ċ) tar-Regolament Nru 261/2004, moqri flimkien mal-Artikolu 7(1)(a) ta' dan ir-regolament, flimkien mal-interessi moratorji mill-10 ta' Settembru 2019 u sakemm isir il-ħlas.

13 SAS tqis li hija ma kinitx obbligata tħallas il-kumpens mitlub, sa fejn l-istrajk inkwistjoni kkostitwixxa ċirkustanza straordinarja li ma setgħetx tiġi evitata, anki jekk kienu ttieħdu l-miżuri raġonevoli kollha, fid-dawl tan-natura eċċessiva tar-rekwiżiti ta' żieda fis-salarji mis-sindakati tal-piloti.

14 Hija ssostni li l-istrajk inkwistjoni jikkostitwixxi "ċirkustanza straordinarja", fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004, sa fejn ma huwiex inerenti għall-eżerċizzju normali tal-attività tagħha u sa fejn hija ma taqax taħt il-kontroll effettiv tagħha. Fil-fatt, deċiżjoni ta' strajk simultanju ta' erba' organizzazzjonijiet sindakali ma tidħolx fl-eżerċizzju normali tal-attività ta' SAS, li tikkonsisti fil-provvista ta' servizzi ta' trasport bl-ajru. Barra minn hekk, l-istrajkijiet huma rari ħafna fis-suq tax-xogħol Svediż u l-istrajk inkwistjoni, li, bħala prinċipju, affettwa l-piloti kollha ta' SAS, kien wieħed mill-ikbar strajkijiet tal-industrija tat-trasport bl-ajru qatt irreġistrat. SAS għalhekk ma setgħetx torganizza mill-ġdid l-attivitajiet tagħha sabiex tkun f'pożizzjoni li topera t-titjiriet previsti. Barra minn hekk, peress li l-istrajk inkwistjoni kien legali, SAS ma setgħetx tordna lill-impjegati jerġgħu jibdew ix-xogħol.

15 Iktar minn hekk, ir-risposta mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-17 ta' April 2018, Krüsemann *et* (C-195/17, C-197/17 sa C-203/17, C-226/17, C-228/17, C-254/17, C-274/17, C-275/17, C-278/17 sa C-286/17 u C-290/17 sa C-292/17, iktar 'il quddiem is-"sentenza Krüsemann", EU:C:2018:258), li tgħid li "strajk selvaġġ" huwa inerenti għall-eżerċizzju normali tal-attività ta' trasportatur bl-ajru li jopera, ma tistax tiġi trasposta għall-kawża prinċipali. Fil-fatt, l-istrajk inkwistjoni ma kienx motivat minn miżura meħuda minn SAS, u lanqas ma kien jikkostitwixxi risposta spontanja tal-persunal ta' SAS għal miżura normali ta' ġestjoni meħuda minn din tal-aħħar.

16 Fl-aħħar nett, sa fejn, konformement mad-dritt Svediż, il-preavviż ta' strajk għandu jiġi ppreżentat biss ġimgħa qabel il-bidu tiegħu, fi kwalunkwe każ, SAS ma setgħetx tevita l-obbligu ta' kumpens previst fl-Artikolu 5(1)(ċ)(i), moqri flimkien mal-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament Nru 261/2004.

17 Min-naħa tagħha, Airhelp tikkontesta l-fatt li l-istrajk inkwistjoni jikkostitwixxi "ċirkustanza straordinarja" fis-sens tal-Artikolu 5(3) tal-imsemmi regolament. Il-konklużjoni ta' ftehimiet kollettivi taqa', fil-fatt, fil-kors ordinarju tan-negozju ta' linja tal-ajru u jistgħu jinqalgħu kunflitti soċjali f'din is-sitwazzjoni. Barra minn hekk, matul in-negozjati għall-konklużjoni ta' tali ftehim, il-partijiet ikollhom il-possibbiltà li jirrikorru għal azzjonijiet kollettivi, bħall-istrajk jew il-lock-out. Fi kwalunkwe każ, fid-dawl tal-iżvilupp tas-salarji tal-piloti ta' SAS matul is-snin preċedenti, dan il-kunflitt soċjali kien prevedibbli għall-imsemmija kumpannija.

18 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, għaldaqstant, jekk il-kunċett ta' "ċirkustanzi straordinarji", fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004, jinkludix strajk li jkun tħabbar minn organizzazzjonijiet ta' impjegati wara preavviż u mibdi legalment.

19 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Attunda tingsrätt (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Attunda) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) Strajk minn piloti tal-linji tal-ajru li huma impjegati minn trasportatur tal-ajru u li huma meħtieġa sabiex tiġi operata titjira, jikkostitwixxi 'ċirkostanzi straordinarji' fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004, meta l-istrajk ma jsirx b'konnessjoni ma' miżura deċiża jew imħabbra mit-trasportatur tal-ajru iżda li tiġi nnotifikata u li hija legalment mibdija minn organizzazzjonijiet tal-ħaddiema bħala azzjoni industrijali intiża li twassal lit-trasportatur tal-ajru li jżid il-pagi, jipprovdi benefiċċji jew ibiddel kundizzjonijiet tal-impjieg sabiex it-talbiet tal-organizzazzjonijiet jiġu ssodisfatti?

2) X'importanza, jekk ikun il-każ, għandha tingħata għal jekk it-talbiet tal-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema humiex ġusti u, b'mod partikolari, għall-fatt li ż-żieda fil-pagi mitluba hija sinjifikattivament ogħla miż-żidiet fil-pagi li japplikaw ġeneralment għas-swieq nazzjonali tax-xogħol inkwistjoni?

3) X'importanza, jekk ikun il-każ, għandha tingħata għall-fatt li t-trasportatur tal-ajru, sabiex jevita strajk, jaċċetta proposta għal ftehim minn korp nazzjonali responsabbli għall-medjazzjoni ta' tilwim industrijali iżda l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema ma jaċċettawhiex?"

**Fuq id-domandi preliminari**

20 Permezz tat-tliet domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004 għandux jiġi interpretat fis-sens li azzjoni industrijali mibdija wara s-sejħa ta' sindakat tal-persunal ta' trasportatur bl-ajru li jopera, fl-osservanza tal-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, b'mod partikolari tat-terminu ta' preavviż impost minnha, intiża li jitwasslu t-talbiet tal-ħaddiema ta' dan it-trasportatur u segwita minn kategorija waħda jew iktar ta' persunal li l-preżenza tagħhom tkun neċessarja sabiex titwettaq titjira, tikkostitwixxi "ċirkustanza straordinarja", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

21 Qabelxejn, għandu jitfakkar li, fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira, l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 261/2004 jipprevedi li l-passiġġieri kkonċernati għandhom dritt għal kumpens għad-dannu tat-trasportatur bl-ajru li jopera, konformement mal-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament, sakemm ma jkunux ġew informati minn qabel b'dan l-annullament b'osservanza tat-termini previsti fil-paragrafu 1(ċ)(i) sa (iii) ta' dan l-Artikolu 5.

22 L-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004, moqri fid-dawl tal-premessi 14 u 15 tiegħu, jeżenta madankollu lit-trasportatur bl-ajru li jopera minn dan l-obbligu ta' kumpens jekk huwa jkun f'pożizzjoni li jipprova li l-kanċellazzjoni tkun dovuta għal "ċirkustanzi straordinarji" li ma jkunux setgħu jiġu evitati anki li kieku jkunu ttieħdu l-miżuri raġonevoli kollha. Barra minn hekk, fil-każ ta' okkorrenza ta' tali ċirkustanzi, huwa wkoll it-trasportatur bl-ajru li jopera li għandu jipprova li huwa jkun adotta l-miżuri adattati għas-sitwazzjoni billi jkun implimenta l-mezzi kollha f'termini ta' persunal jew ta' materjal u l-mezzi finanzjarji li huwa kellu, sabiex jevita li din twassal

għall-kanċellazzjoni tat-titjira kkonċernata. Madankollu, ma jistax jiġi mistenni minnu li jagħti l-kunsens tiegħu għal sagrifiċċji mhux tollerabbli fir-rigward tal-kapaċitajiet tal-impriża tiegħu fil-mument rilevanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2020, Transportes Aéros Portugueses, C-74/19, EU:C:2020:460, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta' "ċirkustanzi straordinarji", fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004, jindika avvenimenti li, min-natura jew mill-oriġini tagħhom, ma jkunux inerenti għall-eżerċizzju normali tal-attività tat-trasportatur bl-ajru kkonċernat u jaħarbu mill-kontroll effettiv tiegħu, peress li dawn iż-żewġ kundizzjonijiet ikunu kumulattivi u l-osservanza tagħhom għandha tkun suġġetta għal evalwazzjoni każ b'każ (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Diċembru 2008, Wallentin-Hermann, C-549/07, EU:C:2008:771, punt 23; tas-17 ta' Settembru 2015, van der Lans, C-257/14, EU:C:2015:618, punt 36; tas-17 ta' April 2018, Krüsemann, punti 32 u 34; kif ukoll tal-11 ta' Ġunju 2020, Transportes Aéros Portugueses, C-74/19, EU:C:2020:460, punt 37).

24 Madankollu, fid-dawl, minn naħa, tal-għan ta' dan ir-regolament, stabbilit fil-premessa 1 tiegħu, li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-passiġġieri u, min-naħa l-oħra, tal-fatt li l-Artikolu 5(3) tal-imsemmi regolament jidderoga mill-prinċipju ta' dritt għal kumpens tal-passiġġieri fil-każ ta' kanċellazzjoni tat-titjira tagħhom, il-kunċett ta' "ċirkustanzi straordinarji", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, għandu jiġi interpretat b'mod strett (sentenza tas-17 ta' April 2018, Krüsemann, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

25 Huwa f'dan il-kuntest li għandu jiġi evalwat jekk azzjoni industrijali, mibdija wara sejħa ta' sindakat tal-persunal ta' trasportatur bl-ajru li jopera, fl-osservanza tal-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, b'mod partikolari tat-terminu ta' preavviż impost minnha, intiża sabiex it-talbiet tal-ħaddiema ta' dan it-trasportatur u segwita minn kategorija waħda jew iktar ta' persunal li l-preżenza tagħhom hija neċessarja sabiex titwettaq titjira, jistax jikkostitwixxi "ċirkustanza straordinarja", fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha mfakkra fil-punt 23 ta' din is-sentenza.

26 Fl-ewwel lok, għandu jiġi ddeterminat jekk strajk li jkollu l-karatteristiċi msemmija fil-punt preċedenti jistax jikkostitwixxi, min-natura jew mill-oriġini tiegħu, avveniment li ma jkunx inerenti għall-eżerċizzju normali tal-attività tat-trasportatur bl-ajru kkonċernat.

27 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li d-dritt li jsiru azzjonijiet kollettivi, inkluż l-istrajk, jikkostitwixxi dritt fundamentali previst fl-Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), peress li dan id-dritt huwa protett konformement mad-dritt tal-Unjoni u mal-leġiżlazzjonijiet u l-prattiki nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2007, International Transport Workers' Federation u Finnish Seamen's Union, C-438/05, EU:C:2007:772, punt 44).

28 Għalkemm jinkorpora mument kunflittwali tar-relazzjonijiet bejn il-ħaddiema u l-persuna li timpjega, li huwa intiż li jipparalizza l-attività tagħha, l-istrajk xorta waħda jibqa' wieħed mill-espressjonijiet possibbli tan-negozjati soċjali u, għaldaqstant, għandu jinftiehem bħala avveniment inerenti għall-eżerċizzju normali tal-attività tal-persuna li timpjega kkonċernata, indipendentement mill-ispeċifiċitajiet tas-suq tax-xogħol ikkonċernat jew mil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli f'dak li jikkonċerna l-implimentazzjoni ta' dan id-dritt fundamentali.

29 Din l-interpretazzjoni għandha tipprevali wkoll meta l-persuna li timpjega tkun, bħal f'dan il-każ, trasportatur bl-ajru li jopera. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punti 40 sa 42 tas-sentenza tas-17 ta' April 2018, Krüsemann, li t-trasportaturi bl-ajru li joperaw jistgħu, regolarment, jiffaċċjaw, fl-eżerċizzju tal-attività tagħhom, nuqqas ta' qbil, jew saħansitra kunflitti, mal-membri tal-persunal tagħhom jew ma' parti minnhom. Issa, bħall-miżuri ta' ristrutturazzjoni u ta' riorganizzazzjoni inkwistjoni fil-kawża li tat lok għal din is-sentenza u l-kunflitti soċjali li jistgħu jirriżultaw minnhom, miżuri dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tar-remunerazzjoni tal-persunal ta' trasportatur bl-ajru li jopera jaqgħu taħt il-ġestjoni normali tal-attivitajiet tal-imsemmi trasportatur.

30 Għalhekk, strajk li l-għan tiegħu huwa limitat sabiex tinkiseb, minn impriża tat-trasport bl-ajru, żieda fis-salarju tal-piloti, bidla fis-sigħat tax-xogħol tagħhom, kif ukoll prevedibbiltà ikbar fil-qasam tal-ħin tax-xogħol, jikkostitwixxi avveniment inerenti għall-eżerċizzju normali tal-attività ta' din l-impriża, b'mod partikolari meta tali strajk ikun organizzat f'kuntest legali.

31 Fit-tieni lok, għandu jiġi evalwat jekk strajk li jkollu l-karatteristiċi msemmija fil-punt 25 ta' din is-sentenza għandux jitqies li huwa avveniment li jaħrab kompletament mill-kontroll effettiv tat-trasportatur bl-ajru kkonċernat.

32 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, l-ewwel, li, peress li l-istrajk jikkostitwixxi, għall-ħaddiema, dritt iggarantit mill-Artikolu 28 tal-Karta, il-fatt li dawn jirrikorru għalih u konsegwentement tinbeda azzjoni industrijali f'dan is-sens għandu jitqies li jaqa' taħt dak li huwa prevedibbli għal kull persuna li timpjega, b'mod partikolari meta tali strajk ikun ippreċedut minn preavviż.

33 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà qieset li strajk ippreċedut mill-preavviż previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli u li jkun ġie ddikjarat li jista' jestendi għal setturi li jaffettwaw l-attivitajiet ta' impriża inizjalment mhux ikkonċernata minn dan l-istrajk ma jikkostitwixxix avveniment anormali u imprevedibbli (sentenza tas-7 ta' Mejju 1991, Organisationen Danske Slagterier, C-338/89, EU:C:1991:192, punt 18).

34 F'dak li jirrigwarda l-kawża prinċipali, in-natura prevedibbli tal-istrajk inkwistjoni tidher li hija stabbilita peress li mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li s-sindakati tal-piloti kienu, mis-sajf tal-2018, xoljew il-ftehim kollettiv li kellu jkopri l-perijodu 2017-2020, b'tali mod li SAS ma setgħetx ma tkunx taf li l-piloti kellhom l-intenzjoni li jagħmlu talbiet. Barra minn hekk, mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja ma jirriżultax li l-istrajk inkwistjoni fil-kawża prinċipali beda mingħajr osservanza tal-preavviż legalment previst.

35 It-tieni, peress li l-okkorrenza ta' strajk tikkostitwixxi avveniment prevedibbli għall-persuna li timpjega, din għandha, bħala prinċipju, il-mezzi sabiex tipprepara ruħha u, jekk ikun il-każ, li ttaffi l-konsegwenzi, b'tali mod li żżomm, sa ċertu punt, il-kontroll tal-avvenimenti.

36 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punt 24 ta' din is-sentenza, sa fejn il-kunċett ta' "ċirkustanzi straordinarji", fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004, għandu jiġi interpretat b'mod strett, għandu jitqies li l-għażla tal-kelma "straordinarja" tixhed ir-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jinkludi biss, fil-kunċett ta' "ċirkustanzi straordinarji", iċ-ċirkustanzi li fuqhom it-trasportatur bl-ajru li jopera ma jkollu l-ebda kontroll. Issa, bħal kull persuna li timpjega, trasportatur bl-ajru li jopera kkonfrontat bi strajk tal-persunal tiegħu, li huwa motivat minn talbiet marbuta mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tar-remunerazzjoni, ma jistax jippretendi li ma għandu l-ebda kontroll fuq din l-azzjoni industrijali.

37 Għalhekk, sabiex jiġi ggarantit l-effett utli tal-obbligu ta' kumpens stabbilit fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 261/2004, strajk tal-persunal ta' trasportatur bl-ajru li jopera ma jistax jiġi kklassifikat bħala "ċirkustanza straordinarja", fis-sens tal-Artikolu 5(3) ta' dan ir-regolament, meta dan l-istrajk ikun marbut ma' talbiet relatati mar-relazzjonijiet ta' xogħol bejn l-imsemmi trasportatur u l-persunal tiegħu, li jistgħu jiġu ttrattati fil-kuntest tad-djalogu soċjali intern tal-impriża. Issa, dan huwa preċiżament il-każ tan-negozjati għas-salarji.

38 Barra minn hekk, din il-konstatazzjoni ma tistax tiġi kkontestata min-natura eventwalment irraġonevoli jew sproporzjonata tat-talbiet magħmula mill-parteċipanti fl-istrajk jew ukoll mir-rifjut tagħhom ta' proposta ta' konċiljazzjoni peress li, fi kwalunkwe każ, id-determinazzjoni tal-livell tas-salarji taqa' taħt il-kamp tar-relazzjonijiet ta' xogħol bejn il-persuna li timpjega u l-ħaddiema tagħha.

39 It-tielet, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kunċett ta' "ċirkustanzi straordinarji", fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004, jirriżulta li l-avvenimenti li l-oriġini tagħhom tkun "interna" għandhom jiġu distinti minn dawk li l-oriġini tagħhom tkun "esterna" għat-trasportatur bl-ajru li jopera.

40 Għalhekk, jaqgħu taħt dan il-kunċett ta' okkorrenza ta' tali avvenimenti "esterni", il-kolliżjoni bejn ajruplan u għasfur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2017, Pešková u Peška, C-315/15, EU:C:2017:342, punt 26), il-ħsara f'tajer ta' ajruplan ikkawżat minn oġġett estern, bħal residwu mobbli li jinsab fil-mitjar ta' ajruport (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' April 2019, Germanwings, C-501/17, EU:C:2019:288, punt 34), il-preżenza ta' petrol fil-mitjar ta' ajruport li wasslet għall-għeluq tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2019, Moens, C-159/18, EU:C:2019:535, punt 29), kolliżjoni bejn l-elevatur ta' ajruplan li qiegħed fil-pożizzjoni ta' pparkjar u l-winglet ta' ajruplan ta' linja tal-ajru oħra, ikkawżata mill-moviment ta' dan tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-14 ta' Jannar 2021, Airhelp, C-264/20, mhux ippubblikat, EU:C:2021:26, punt 26), iżda wkoll difett moħbi ta' manifattura, jew inkella atti ta' sabotaġġ jew ta' terroriżmu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Diċembru 2008, Wallentin-Hermann, C-549/07, EU:C:2008:771, punt 26, u tas-17 ta' Settembru 2015, van der Lans, C-257/14, EU:C:2015:618, punt 38).

41 Dawn l-avvenimenti kollha għandhom komuni bejniethom l-fatt li jirriżultaw mill-attività tat-trasportatur bl-ajru u minn ċirkustanzi esterni, ftit jew wisq frekwenti fil-prattika, iżda li t-trasportatur bl-ajru ma jkollux kontroll fuqhom, għaliex huma joriġinaw minn fatt naturali jew minn terz, bħal trasportatur bl-ajru ieħor jew operatur pubbliku jew privat li jindaħal fl-attività tal-ajru jew tal-ajruport.

42 Għalhekk, billi indika, fil-premessa 14 tar-Regolament Nru 261/2004, li ċirkustanzi straordinarji jistgħu jseħħu, b'mod partikolari, fil-każ ta' strajkijiet li jkollhom effett fuq l-operazzjonijiet ta' trasportatur bl-ajru li jopera, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jirreferi għall-istrajkijiet esterni għall-attività tat-trasportatur bl-ajru kkonċernat. Minn dan jirriżulta li jistgħu b'mod partikolari jikkostitwixxu "ċirkustanzi straordinarji", fis-sens tal-Artikolu 5(3) ta' dan ir-regolament, azzjonijiet industrijali segwiti mill-kontrolluri tal-ajru jew mill-persunal ta' ajruport (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2012, Finnair, C-22/11, EU:C:2012:604).

43 Peress li tali azzjonijiet industrijali ma jaqgħux taħt l-eżerċizzju tal-attività ta' dan it-trasportatur u għalhekk ma jaqgħux taħt il-kontroll effettiv tiegħu, dawn jikkostitwixxu "ċirkustanzi straordinarji", fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004.

44 Għall-kuntrarju, strajk mibdi u segwit mill-istess membri tal-persunal tal-impriża tat-trasport bl-ajru kkonċernata jikkostitwixxi avveniment "intern" għal din l-impriża, inkluż fil-każ ta' strajk mibdi wara sejħa mis-sindakati, meta dawn jintervjenu fl-interess tal-ħaddiema tal-imsemmija impriża.

45 Għalkemm tali strajk joriġina minn talbiet li l-awtoritajiet pubbliċi biss ikunu jistgħu jissodisfaw u li, għaldaqstant, ma jaqgħux taħt il-kontroll effettiv tat-trasportatur bl-ajru kkonċernat, dan jista' jikkostitwixxi "ċirkustanza straordinarja", fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 23 ta' din is-sentenza.

46 Ir-raba', li jitqies li strajk organizzat f'kuntest legali u kif deskritt fil-punt 25 ta' din is-sentenza ma jaqax taħt il-kunċett ta' "ċirkustanzi straordinarji", fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004, ma jistax jaffettwa d-drittijiet fundamentali tat-trasportatur bl-ajru kkonċernat.

47 Fil-fatt, l-eżistenza ta' azzjoni industrijali u r-riskju ta' ħlas ta' kumpens, kif previst fl-Artikolu 5(1) u fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 261/2004, lill-passiġġieri li jkollhom titjira kkanċellata, ma jistgħux jitqiesu li jaffettwaw il-kontenut essenzjali tad-dritt ta' negozjar tal-persuna li timpjega msemmi fl-Artikolu 28 tal-Karta.

48 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-fatt li trasportatur bl-ajru jkun ikkonfrontat, minħabba strajk ta' membri tal-persunal tiegħu organizzat f'kuntest legali, bir-riskju li jkollu jħallas tali kumpens, ma jobbligahx jaċċetta, mingħajr diskussjoni, it-talbiet kollha tal-persuni fuq strajk. Fil-fatt, it-trasportatur bl-ajru jibqa' f'pożizzjoni li jinvoka l-interessi tal-impriża, b'mod li jasal għal kompromess sodisfaċenti għall-imsieħba soċjali kollha. Għalhekk, ma jistax jitqies li t-trasportatur bl-ajru jiġi mċaħħad mil-libertà ta' negozjar tiegħu protetta mid-dritt tal-Unjoni u li huwa jassumi mill-bidu r-rwol tal-parti li titlef fil-kuntest tal-kunflitt soċjali.

49 Fir-rigward tal-ksur allegat minn SAS kemm tal-libertà ta' intrapriża tagħha kif ukoll tad-dritt għall-proprjetà tagħha, li huma ggarantiti rispettivament mill-Artikoli 16 u 17 tal-Karta, għandu jitfakkar li l-libertà ta' intrapriża u d-dritt għall-proprjetà ma jikkostitwixxux prerogattivi assoluti u li għandhom, f'kuntest bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġu rrikonċiljati mal-Artikolu 38 tal-Karta li, bħall-Artikolu 169 TFUE, huwa intiż li jiżgura, fil-politiki tal-Unjoni, livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, inklużi l-passiġġieri tal-ajru (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-31 ta' Jannar 2013, McDonagh, C-12/11, EU:C:2013:43, punti 60, 62 u 63).

50 Issa, l-importanza tal-għan ta' protezzjoni tal-konsumaturi, inklużi għalhekk il-passiġġieri tal-ajru, tista' tiġġustifika konsegwenzi ekonomiċi negattivi, anki kunsiderevoli, għal ċerti operaturi ekonomiċi (sentenza tal-31 ta' Jannar 2013, McDonagh, C-12/11, EU:C:2013:43, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jitqies li l-fatt li tiġi eskluża l-klassifikazzjoni ta' "ċirkustanzi straordinarji", fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004, fir-rigward ta' strajk organizzat f'kuntest legali u li jkollu l-karatteristiċi msemmija fil-punt 25 ta' din is-sentenza, ma jistax jippreġudika d-drittijiet fundamentali li l-Artikoli 16, 17 u 28 tal-Karta jiggarantixxu lit-trasportatur bl-ajru li jopera.

52 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li azzjoni industrijali mibdija wara s-sejħa ta' sindakat tal-persunal ta' trasportatur bl-ajru li jopera, fl-osservanza tal-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, b'mod partikolari tat-terminu ta' preavviż impost minnha,

intiża li jitwasslu t-talbiet tal-ħaddiema ta' dan it-trasportatur u segwita minn kategorija waħda ta' persunal li l-preżenza tagħha tkun neċessarja sabiex titwettaq titjira, ma taqax taħt il-kunċett ta' "ċirkustanza straordinarja", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

**Fuq l-ispejjeż**

53 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91, għandu jiġi interpretat fis-sens li azzjoni industrijali mibdija wara s-sejħa ta' sindakat tal-persunal ta' trasportatur bl-ajru li jopera, fl-osservanza tal-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, b'mod partikolari tat-terminu ta' preavviż impost minnha, intiża li jitwasslu t-talbiet tal-ħaddiema ta' dan it-trasportatur u segwita minn kategorija waħda ta' persunal li l-preżenza tagħha tkun neċessarja sabiex titwettaq titjira, ma taqax taħt il-kunċett ta' "ċirkustanza straordinarja", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.**

Firem